# IL-MIKROBI

## TAGĦLIM GĦALL-KOTRA

Kieku kelli nurikom żiemel u nsaqsikom jekk huwiex bhima jew ħaxixa, malajr tweġbuni "Bhima". Hekk ukoll jekk nurikom balluta intom lesti biex taħilfu li din tagħmel sehem mis-saltna tal-ħxejjex. Imma nista' nġibilkom ħwejjeġ bil-ħajja bħal bhejjem u l-ħxejjex li aktarx ma tistâx taqta' jekk humiex minn ta' l-ewwel jew minn tat-tieni. Dawn huma hekk żgħar li wieħed ma jistâx jikklassifikahom. Għalhekk wieħed għaref ried li tinħoloq saltna ġdida, bejn dik tal-bhejjem u dik tal-ħxejjex. Din is-saltna msejħa tal-*Protisti*.

Fost il-*Protisti* ħafna għorrief iqiegħdu l-mikrobi. Bosta għorrief oħrajn imħabba f'tagħlim iktar għaqli u għodda iktar tajba, iridu li l-mikrobi jitqiegħdu mal-ħxejjex. Aktarx li s-sew min-naħa tagħhom u għalhekk il-lum ħadd ma joħlom iżomm il-mikrobi bħala biċċa mis-saltna tal-bhejjem, wisq inqas li huma dud bħal ma tisma' jgħidu ta' sikwit in-nies li ma jifhmux.

Mikrobi hawn bil-bosta, fuq l-art, fl-arja u f'qiegħ il-baħar, miljuni ta' miljuni jmutu, imma kemm miljuni oħra ma jitwildux! Kull fejn isibu l-ilma u s-sħana li tinħtiġilhom erħilhom jitkattru. Dan it-tkattir tagħhom ħaġa ħafifa wisq. Meta l-mikrobu jikber—u dana f'qasir żmien—jibda biex jinqasam fi tnejn. Kull biċċa ġdida malajr issir daqs ommha u bla telf ta' ħin hija wkoll tinqasam f'biċċtejn. Tistgħu tifhmu li fi ftit sigħat minn mikrobu wieħed jitnisslu l-miljuni.

Is-sabiħa hija din. M'hux biss għandhom is-setgħa li jitkattru b'għadd tal-għaġeb, imma xi wħud ukoll li jgħixu żmien bosta twil f'dawran ħażin. Nieħdu tażża ilma. Nitfgħu fiha mikrobu. Dana jikber u jnissel bosta wlied. Aktarx li huwa jmut, kif ukoll aktarx li jmutu bosta minn uliedu. Dawk li jibqgħu jistgħu jsibu ruħhom f'dawran ħażin, jew għax jonqos l-ikel, jew għax tonqos is-sħana. Taħsbux li dawn imutu kif ġieb u laħaq? Le, minnflok jidħlu f'qoxorthom *(sporification)* u hekk jistgħu jistennew żmien aħjar—x'ħin jasal erħilhom joħorġu barra ħalli jibdew il-ħajja mill-ġdid.

Kieku kellna nieħdu wlied il-mikrobu li tfajna fit-tazza u nifluhom tajjeb insibuhom kollha ta' għamla waħda. Tassew li xi wħud jistgħu jkunu ikbar mill-oħrajn, imma s-sura hija waħda. Jekk il-missier kien tond, uliedu huma tondi; jekk



tawwali wliedu tawwalin. Aktarx li l-mikrobi jinkasmu f'tondi, f'tawwalin forma ta' mazzita, f'tawwalin forma ta' bsaten, jew f'tawwalin b'ġisem qiesu posta ta' kuruna tar-rużarju. Għamliet oħrajn hemm ukoll, imma għalikom biż-żejjed tkunu tafu li hemm iżjed minn waħda. Dawn il-mikrobi iġibu l-mard li jittieħed. Sa ftit żmien ilu, meta wieħed kien jagħmel operazzjoni aktarx li kien imut xorta waħda m'hux għax l-operazzjoni kienet tkun ħażina, imma għaliex kienu jidħlu fil-ġrieħi tiegħu dawn il-mikrobi. Il-lum le; nafu li kullimkien hemm il-mikrobi, għalhekk naħsbulhom mill-ewwel. Għax-xjuħ tagħna kienet tqila wisq li jifhmu kif il-pesta tittieħed. Erħilhom joħolmu...sa fis-seħer kienu jwaħħlu! Li tmiss wieħed u tittieħed kienu b'xi mod jifhmuha, imma li għandu jatas qasba bogħod u jmardek ma kinetx tinżlilhom bħala ħaġa mil-lewn id-dinja. Aktarx min għatas kellu l-għajn! Il-lum le. Nafu biż-żejjed tajjeb li meta wieħed jagħtas jitfa' madwaru xita ta' qtar żgħir b'eluf ta' mikrobi fuq kull qatra,—ngħidu aħna, il-qtar iservu lill-mikrobi ta' żwiemel.

Il-mistoqsija weħedha tiġi "Huwa l-mikrobi kollha jġibu l-ħsara?" Lê. Wisq żgħir huwa l-għadd ta' dawn ħdejn l-oħra li jew jagħmlu l-ġid jew li s'issa ma nafux għal fejn jinħtieġu. X'kienu jiswew l-egħlieqi tad-dinja kollha kieku ma jħaddnux f'sidirhom miljuni ta' miljuni ta' mikrobi li ħsiebhom wieħed biss, dak li jsajru l-art. Imma min ilum il-magħkus jekk jara biss id-deni u jinsa l-ġid ta' ma' dwaru? Hekk ġara lilna. Dejjem nisħtu lill-mikrobi għax ninsew li bosta minnhom jiswewlna u m'hux il-ftit.

Dawk li jmarduna jidħlu fina mix-xquq. Kull xaqq—naturali jew artifiċjali—li għandna fuqna huwa bieb għal mikrobi. Min hu ta' saħħa żgħira, jew għax imġewwaħ jew għax għajjien malajr jaqa' lsir tagħhom. Ġisem tassew b'saħtu huwa ħajt li l-mikrobi ma jistgħux jaqsmu. Nieħdu tnejn qegħdin jaħdmu f'kamra waħda f'lejl xitwi. It-tnejn joħorġu fl-istess ħin. Wieħed jiddobba riħ u l-ieħor le. Jekk it-tnejn kienu sħan indaqs għaliex ġara hekk? Issibu li wieħed huwa b'saħħtu iktar minn l-ieħor.

Mela biex neħilsu mill-mikrobi jinħtieġ li nibżgħu għas-saħħa u għall-ġilda. Dik id-daqxejn ta' barxa magħmula minn musmar imsaddad hija biż-żejjed biex iġġibilna tetanu.

Darb'oħra—jekk Alla jrid—nitħaddtu fuq id-deni rqiq u fuq il-mikrobu li jnisslu.

Ros. Briffa B. Sc.